MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 410/2013

**Victor u Maria Angela Busuttil**

**vs**

**Maria Fenech, Kristinu Pace, John Mary Pace, Rita Formosa u Pawlu Pace**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Victor u Maria Angela Busuttil li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Huma kienu akkwistaw l-ghalqa fil-limiti ta’ Birzebbugia maghrufa bhala ‘Ta Dalam t’Isfel’ fil-kontrada ta’ Dalam, tal-kejl superficjali ta’ cirka elf seba mija u wiehed u sittin metru (1,761 m.k.) u dan permezz ta’ kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dott. John Cachia Zammit, fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004), kopja ta’ liema kuntratt qed jigi ezebit u mmarkat bhala ‘Dok A’;

Skond kif jirrizulta minn dan l-imsemmi kuntratt, din l-ghalqa hija suggetta ghal dritt ta’ passagg minn rampa a favur ta’ l-ghalqa ta’ fuqha, ta’ wisa ta’ erba’ (4) piedi ossia madwar zewgt metri u sebghin centimetru (2.70m) ikkalkulati perpendikolarment mill-hajt tas-sejjieh ezistenti in-naha tal-punent lejn il-lvant;

Dan jirrizulta anke minn rapport redatt mill-Perit Claude Busuttil;

Dan nonostante l-intimati qeghdin jikkontendu illi d-dritt ta’ passagg ghandu jkun usa;

In effetti l-intimati inizjaw proceduri ta’ spoll fl-ismijiet inversi liema proceduri gew decizi fil-11 ta’ Lulju, 2011 (Citazzjoni Numru. 500/2010JA) favorevolment ghall-intimati fis-sens illi l-intimati gew ripristinati fir-reali godiment tal-moghdija fil-wisgha ta’ iktar minn 2.70 metri;

Però, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, id-dritt ta' moghdija huwa wiehed iktar limitat kif hawn fuq specifikat.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi s-servitù ossia d-dritt ta' passagg illi l-intimati jgawdu fuq il-proprjetà tar-rikorrenti u cioé l-ghalqa fil-limiti ta' Birzebbugia maghrufa bhala 'Ta Dalam t'Isfel' fil-kontrada ta' Dalam, tal-kejl superficjali ta' cirka elf seba mija u wiehed u sittin metru (1,761 m.k.) huwa limitat ghal wisa ta' erba' (4) piedi ossia madwar zewgt metri u sebghin centimetru (2.70m) ikkalkulati perpendikolarment mill-hajt tas-sejjieh ezistenti in-naha tal-punent lejn il-lvant;

2. Tordna lill-intimati sabiex bl-ebda mod ma jfixklu lill-esponent fit-tgawdija tal-proprjetà tieghu hawn fuq deskritta billi jmorru oltre l-passagg/rampa b'wisa' ta' erba' (4) piedi ossia madwar zewg metri u sebghin centimetru (2.70m), ikkalkulati perpendikolarment mill-hajt tas-sejjieh ezistenti in-naha tal-punent lejn il-lvant;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Maria Fenech, Kristinu Pace, John Mary Pace, Rita Formosa u Pawlu Pace li in forza taghha gie eccepit illi:

Hemm ir-*res judicata* peress illi d-dritt ta' passagg imsemmi huwa ta' ghaxar piedi u dan skond is-sentenza moghtija fil-11

ta' Lulju 2011 – Cit numru 500/2010 JA fejn wahda mill-kawzali kienet illi l-passagg kien ta' ghaxar piedi.

Il-passagg anke mill-konfigurazzjoni tieghu mill-aerial photography jirrizulta illi huwa ta' ghaxar piedi, u ghalhekk it-talbiet anke fil-mertu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-affidavit prodott.

Semghet xhud viva voce.

Rat l-atti tal-kawza numru 500/2010 deciza fil-11 ta' Lulju 2011, allegati fuq talba tal-intimati.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza li thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti dwar wisa' ta' dritt ta' passagg li jgawdu l-intimati.  Dawn tal-ahhar jilqghu ghall-kawza preliminarjament billi jeccepixxu r-'*res judicata*' peress li l-wisa' tal-passagg kien wiehed mill-kawzali ta' proceduri gudizzjarji decizi.

Jirrizulta illi f'Mejju 2010 l-intimati odjerni intavolaw proceduri fil-konfront tar-rikorrenti Victor Busuttil li permezz taghhom talbu dikjarazzjoni li l-istess Busuttil ikkommetta spoll ghad-dannu taghhom meta dejjaq il-passagg mertu ta' din il-kawza. It-talbiet taghhom intlaqghu permezz ta' sentenza ppronunzjata mill-Prim Awla fil-11 ta' Lulju 2011. Huwa abbazi ta' dawn il-proceduri li l-intimati odjerni jsejsu l-eccezzjoni taghhom ta' '*res judicata*'.

L-elementi rikjesti sabiex tigi milqugha eccezzjoni ta' din ix-xorta huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Dawn huma essenzjalment "*eadem res*", "*eadem personae*" u "*eadem causa pretendi*". (Ara f'dan is-sens Registratur tal-Qrati Superjuri vs M. O/Time Limited – 17 ta' Frar 2000 u l-gurisprudenza fiha citata).

Huwa ritenut inoltre illi l-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressivament izda anki dak li messu gie diskuss. Jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghet giet sollevata. (Ara Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited – 4 ta' Gunju 1999; Bonello vs Cuschieri – 6 ta' Marzu 1950; Dagri vs Dingli – 27 ta' April 1953; Camilleri vs Damato – 2 ta' Marzu 1956; Sammut vs Spiteri – 10 ta' Ottubru 2003) kif citati mill-Qorti tal-Appell fil-kawza.

L-ewwel kawza bejn il-partijiet kienet kawza ta' spoll. Issa huwa ben risaput illi l-indagini tal-Qorti f'kawza ta' spoll hija wahda limitatissima, u li tirrizerva essenzjalment l-indagini dwar titolu ghal dik il-Qorti li tkun mitluba tippronunzja ruhha f'kawza petitorja. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit- 28

ta' Mejju 1956 fl-ismijiet "**Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello**" l-istess Qorti qalet illi:

> *"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pusses u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwanutnkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spolljat."*

Minn dan jirrizulta ghalhekk illi l-eccezzjoni ta' "*res judicata*" ma tistax tintlaqa'. Ghalkemm ir-"*res*" u "*personae*" huma identici fiz-zewg kawzi, mhux l-istess jista' jinghad ghall-"*causa petendi*" li hija wahda intrinsikament distinta minn dik li ghandha quddiemha l-Qorti llum.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------